*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 3**

**Il-Tlieta 20 t'Awwissu 2024.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Kunsillier
Janice Falzon – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Beverly Saliba – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

| | |
|---|---|
| **3.1** | ***<u>Qari t'aploġija:</u>***<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġija. |
| **3.2** | ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa li saret Nhar il-Hamis 18 ta' Lulju 2024:</u>*** |
| | **Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier Dr Patrick Camilleri. Il-votazzjoni kienet 10 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni. |
| **3.2.1** | **<u>Matters arising tal-laqgħa tal-Kunsill li saret Nhar il-Ħamis 18 ta' Lulju 2024:</u>** |
| | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 2 artiklu 2.3.1 qal li hu kellu kuntatt mar-residenti u qal illi għad hemm inkonvenjent speċjalment meta n-nies joħorġu mill-ħanut, apparti l-istorbju, u s-supretendent tkellem mal MTA pero sa issa ma sar xejn u jħoss li tajjeb li min naħa tagħna nibgħatu ittra lill MTA.<br><br>Il-Viċi Sindku is-Sinjorina Janice Vella qalet illi l-persuna li tagħmel ir-rapport trid tkun lesta li tixhed għax jekk le ikun kollu ta xejn.<br><br>Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi l-individwu irid ikun li jirraporta.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għalkemm saru anke petizzjonijiet jidher li r-residenti ma jixtiequx jitilaw jixhdu.<br><br>Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar staqsa l-liċenzja tiegħu sa xħin ittiħ ħin.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qali illi hu qed jgħid li għandu permess sal-4:00am.<br><br>Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi jara stramba li għandu dan il-permess ġo zona residenzjali.<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi meta kien ġab il-liċenzja fl-antik ma kienx hemm residenti u hu baqa jġedded din il-licenzja.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi għalkemm tiġedded min sena għal sena ma jfissirx li din tibqa bl-istess kundizzjonijiet.<br><br>Il-Kunsillier Dr Errol Cutajjar qal illi din mhijiex kwistjoni ta permess dan hu kaz li l-pulizija iridu jmorru jaraw fuq il-post u jtellgħu l-qorti jekk ikun qed jikser il-liġi.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jgħamel pressjoni mal-awtoritajiet. |
| **3.2.2** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 5 artiklu 2.7.3 rigward il-pillbox fi Triq Apap Bologna fejn qal illi hu ta l-ideja li nerġgħu niktbu l-Ministeru tal-Lands biex naraw fiex waslu għaliex mill-aħħar laqgħa l'hawn ma sar xejn. |
| **3.2.3** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 5 artiklu 2.7.4 rigward fondi fuq investiment tal-enerġija sabiex idawlu il-bankina ta Triq ir-Ridott li jaħdmu bil-pannelli min-naħa tal-*works division*. |

| | |
|---|---|
| | Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-ittra inbtghatet u qed jikkunsidrawa. |
| **3.2.4** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq pagna 8 artiklu 2.9.9. Hu qal illi meta tkellem ma xi nies issuġerewlu li x-xogħol ma jsirx qabel Ottubru li jikkonċerna t-tneħħija tar-rampa fir-ramla.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu kien ta l-ideja li jgħalaq l-aċċess taċ-ċint u jara r-rispons tan-nies. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-istruttura mhux qeda tajba.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi r-rampa ma tintuzax.<br><br>Kien hemm qbil li jingħalaq l-aċċess taċ-ċint umbgħad f'Ottubru tinqala r-rampa. |
| **3.2.5** | Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet fuq paġna 6 artiklu 2.7.6 jekk il-Perit tal-Kunsill għamilx xi ħaġa fuq id-dog friendly beach.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Periti għadu jrid japplika u ser jerġgħa jfakkru dwar din l-istruttura.<br><br>Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li ser tibgħatlu anke fuq zewġ applikazzjonijiet oħra. |
| **3.2.6** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 artiklu 2.7.1 fejn staqsa jekk hemmx update fuqha.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Perit bagħat il-pjanta updated u qed nistennew risposta minn TM. |
| **3.2.7** | Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri staqsa jekk kienx hemm xi risposta fuq l-proposta tal-Kunsill sabiex isiru traffic lights għal Triq Sant Antnin.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-one way system ta Bella Vista apparti l-proposta tal-Perit din ma taħdimx tajjeb jekk ma jkunx hemm sistema tal-lights għal Triq Sant Antin. |
| **3.2.8** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 5 artiklu 2.7.2 jekk kienx hemm xi zviluppi fuq il-multa li għandu jħallas il-Kunsill.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-multa tal-Wasteserv irid ikun jaf fuq il-legalita tagħha jekk hemmx fil-liġi li tistipola li din il-multa tista tingħata. |
| **3.2.9** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 6 artiklu 2.8.1 jekk kienx hemm zvilupp fil-kuntratt tal-Contracts Manager.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Contracts Manager il-ġdida iltaqa magħha illum u daru l-kuntratt u qed nistennew il-*performance bond* u jibda mill-1 ta' Settembru 2024. |
| | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 6 artiklu 2.9.1 fejn hu kien staqsa fuq l-isleeping policeman li mhumiex ta' kwalita' tajba. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi min dak inhar lil hawn hu jkompli jsaħħaħ l-argument u jgħid li dawn qed jideterjoraw.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-problema hi li l-Kunsill għandu kuntratt ma dan is-supplier u għalhekk ma jistax jixtri min ximkien ieħor. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi la darba l-prodott mhuwiex sodisfaċenti l-Kunsill m'għandux jibqa jixtri mingħand l-istess supplier.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi s-supplier qal illi l-isleeping policeman huma tajbin għal ċertu speed. |
| **3.2.10** | Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi dawk it-tip ta rubber humps qegħdin hemm propju biex trazzan l-ispeed limit. Għalhekk jekk mhux kapaċi jipprovdi sleeping policeman li tiflaħ għal ċertu speed mela jintilef l-iskop tagħha.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-argument tas-supplier hu li dawk it-tip ta rubber humps mhumiex id-disinjati go 1.2 mtrs fejn għandek slope li l-gradient tagħha teknikament suppost jintuzaw biss ġo car parks jew toroq zgħar fejn l-ispeed m'għandux ikun aktar min 30km/h. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi t-TM qabel kienet timplimenta l-high way code tal-ingilterra u biex tagħmel sleeping policeman fit-triq il-wiesgħa tal- hump trid tkun 3.5mtrs pero l-kuntratturi mhux jifmu li din it-3.5 mtrs għandek 1.7 tiela min naħa u 1.7 tiela min naħa l-oħra hekk biex tgħamel hump kif suppost.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal li għalissa nistgħu nixtru mingħand supplier iehor anke jek teknikament ma nistawx nagħmluha pero f'dan il-kaz jekk mhuwiex itini dak li qed nistaqsi għalih il-Kunsill għandu dritt jixtri prodott bir-rekwiziti li għandu bzonn. |
| **3.2.11** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 7 artiklu 2.9.3 fejn qal illi hu talab lill Nexos stima ta kemm jiġu jiswew l-fanali ornamentali u qal illi għadu qed jistenna risposta. |
| **3.2.12** | Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 8 artiklu 2.9.7 u staqsa kif bqajna fuq il-kontainer li kellu jitpogga ħdejn il-Kunsill sabiex jintuza bħala store.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi suppost il-container tal-BAVA ġabu DNO għalih la tpoġġa hawn għal tul ta' snin u l-Kunsill irid japplika għal DNO sabiex jitpoġġa dan il-container.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-BAVA irid ineħħi tiegħu. |
| **3.3** | **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>** |
| **3.3.1** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din il-persuna toqgħod Marsaskala u tkelmet miegħu għaliex l-Ministru tal-Enerġija qed tipprova tagħmel awareness fuq energy efficiency and sustainablitiy u qed tuza l-Kunsilli biex ikun hawn aktar awareness mar-residenti u lilna talbuna jekk Marsaskala aħniex interessati u għalhekk qed jgħaddija quddiem il-Kunsill. Hu qal illi din trid issir event fejn issir talk min naħa tal-Ministeru u l-Kunsill jipprovdi post u nagħmlu pubbliċita sabiex jattendu n-nies. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jħoss li l-Kunsill ikun tajjeb bħala post jekk tinfetaħ il-partition bejn il-kamra tal-Kunsill u r-reception.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tista issir fid-day centre li għandna f'Marsaskala għaliex għandhom sala kbira.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jisugerixxi li issir il-Ħamis 3 t'Ottubru filgħaxija u issir fil-premises tal-Kunsill. |
| **3.3.2** | **<u>Laqgħa virtwali ma' studenta tat-tieni sena tal-univesita' s-Sinjorina Adriana Abdilla.</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi s-Sinjorina Adriana Abdilla ser tkun qed tassisti lis-Sinjura Urrey fuq xogħol ta` social worker. |

| | |
|---|---|
| **3.3.3** | **<u>Malta Green Vision Summit Expo, Waste Recycling & Sustainability Awards 2024 :</u>**<br><br>Il-Kunsill gie mistieden mill-Malta Green Vision Summit Expo, Waste Recycling & Sustainability Awards 2024 fejn ġejna nnominati għall-Award rigward is-separazzjoni tal-iskart u rbaħna din l-award. |
| **3.3.4** | **<u>Laqgħa mad-Delegazzjoni Ċiniza mill-Provinċja ta Zhejiang:</u>**<br><br>Flimkien mas-Segretarja s-Sinjura Rebecca Micallef kif ukoll il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ilqajna fostna d-delegazzjoni Ċiniza mill-Provinċja ta' Zhejiang bi preparazzjoni għad-delegazzjoni Ċiniza minn Dujiangjan il-municipalita' li ffirmajna l-MOU magħhom. Dawn ser jaslu Malta bejn il-21 u 24 ta' Lulju 2024. |
| **3.3.5** | **<u>Laqgħa mas-Segretarja tal-Gal Xlokk</u>**:<br><br>Laqgħa mas-Sinjorina Madeline Micallef fejn iddiskutejna l-applikazzjoni biex inġibu fondi rigward l-irrigazzjoni fi Ġnien Sant'Anna kif ukoll jizzarmaw xi apparat u jiġi rilokat fil-ġnien tal-familja ġewwa fajtata San Tumas. |
| **3.3.6** | **<u>Laqgħa mas-Sur Roderick Vella</u>**<br><br>Laqgha mas-Sur Roderick Vella Chief of staff tal-Ministru Stefan Zrinzo mill-Ministeru tal-Artijiet rigward l-istat li tinsab fih il-batterija fi Triq Apap Bologna. Prezenti il-Kunsillier responsabbli mir-restawr Mary Rose Mifsud. Prezenti konsulent tal-Ministeru Perit Chris Borg Bonaci u Martin Saliba. |
| **3.3.7** | **<u>Laqgħa mas -Sur Konrad Neil Gatt rigward ir-Rihama.</u>**<br><br>Din hija fortizza oħra li jekk mhux ser nieħdu ħsiebha ser tiġġarraf. Fil-prezent din qiegħda f'idejn Din l-art ħelwa. Illum irrizulta li lanqas tinsab għandhom. |
| **3.3.8** | **<u>Laqgħa mas-Sur Joe Attard tal-iskema Green MT</u>**<br><br>F'din il-laqgħa ġie diskuss li l-kontenitur tal-kartun jibda jitbattal darbtejn fil-ġimgħa. Zdiedu kontenituri u se tiżdied ġabra oħra. |
| **3.3.9** | **<u>Laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija:</u>**<br><br>F'din il-laqgħa ġew diskussi diversi issues fosthom il-Karnival tas-sajf, l-inkonvenjent li qed isoffru minnu r-residenti ta' Triq is-Sallur minħabba l-istabbiliment tax-xorb, il-klabb Osiris, il-parkeġġ bl-addoċċ fir-ramla eċċ. |
| **3.3.10** | **<u>Laqgħa mal-SEM Servizzi Ewropej Malta fuq fondi Ewropej għhall-AGM tad-Douzelage:</u>**<br><br>Kien hemm diskussjonijiet fuq fondi Ewropej għall AGM li ser ssir Malta f'Settembru 2026. Prezenti għal laqgħa kien hemm is-Segretarja tal-affarijiet barranin, l-Assistant Prinċipal mill-Kunsill Lokali Marsaskala s-Sinjorina Rebecca Micallef kienet prezenti wkoll. Il-Kunsilliera is-Sinjorina Beverly Saliba li tkelmet ukoll fuq xi proġetti ta' bdil ta' ċittaddini mal-lokalitajiet fi ħdan id-Douzelage. |
| **3.3.11** | **<u>Laqgħa ma' diriġenti min-naħa ta' Festivals Malta:</u>**<br><br>Saret laqgħa mas-Sur Frans Agius, Anton Miceli u George farrugia rigward il- Karnival tas-sajf li ser isir 25 t'Awwissu 2024. Prezenti l-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud, il-Kunsillier is-Sinjorina Beverly Saliba u l-Kunsillier is-Sur Charlo Mifsud flimkien mas-Sindku. Ġew diskussi diversi punti. |

| | |
|---|---|
| **3.3.12** | **<u>Tindif:</u>**<br><br>Flimkien mal-Kunsillier Francis Gilford, is-Sindku mar ir-ramla taz-Zejtun fejn flimkien man nies min-naħa tad-Divizjoni tat-tindif u manutenzjoni neħħejna bċejjeċ tal-baħar u karrijiet msadda kif ukoll skart goff ieħor. |
| **3.3.13** | **<u>Malta Green Vision Summit:</u>**<br><br>Flimkien mall-Kunsillier Dr Patrick Camilleri is-Sindku attenda għall-Malta Green vision Summit u bi pjaċir ngħid li għandna nkunu kburi li Marsaskala ħadet award tal-Best Locality fejn jidħol sostenibilita u separazzjoni ta` skart. |
| **3.3.14** | **<u>Laqgħa mad-Diriġenti mill-Arts Council Malta rigward il-Karnival tas-Sajf:</u>**<br><br>Is-Sindku qal illi kellu laqgħa mad-Dirigenti tal-Art Council rigward Karnival Sajf 2024. |
| **3.3.15** | **<u>Laqgha mal-Perit Cherona Seisun mis-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari L-Onor Omar Farrugia:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi marru fuq tlett ħitan fi Triq Friefet, Triq Frans Grech u Diviza Kostali. Qed isiru arranġamenti biex jittranġaw. |
| **3.3.16** | **<u>Railing msaddad li jagħti għall-baħar fi Triq is-Salini:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan inqala u qed jinbidel minn naħa ta` Fondazzjoni tar-riġenerazzjoni ta` zoni turisti. |
| **3.3.17** | **<u>Riħa insapportabbli mill-Wasteserv:</u>**<br><br>Flimkien mall-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud iltqajna virtwali mal-Profs Buhagiar u diriġenti mill-Waste Water Unit u Era rigward riha nsapportabbli li ħirga mill-impjant. Is-Sindku qal illi ġew infurmati li qed jitnaddtfu t-tankijiet u issa qed jgħattu t-tankijiet biex jevitaw l-irwejjaħ.<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi tajjeb ninfurmaw lill Pubbliku fuq x'ġara fuq il-paġna tal-Kunsill għaliex ħafna nies bgħatu l-ilmenti tagħhom u tajjeb ikunu nfurmati x'qed jiġri.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li hi taqbel mall-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon u tħoss li għandna ngħamlu stqarrija Pubblika fuq is-socials tal-Kunsill.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ma jaqbilx li jsir dan għaliex aktar hemm ċans li r-residenti jikkritikawna jekk ninfurmawhom x'qed jiġri.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet illi hi ma taqbilx miegħu u tħoss li tajjeb in-nies ikunu jafu li l-Kunsill qed jisma l-kritika tagħhom u qed jgħamel xi ħaġa dwarha.<br><br>Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi hu jaqbel li ninfurmaw lir-Residenti.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu jħoss li la darba qed nitkellmu online qed ngħatu bizejjed informazzjoni.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal rigward ir-riħa mill-Waste water unit qed jiġu trakkijiet bid-demel tal-baqar fejn jisseparaw il-likwidu għalih u tiben għalih u dak il-ħin jibda jagħmel ir-riħa pero sabu soluzzjonijiet li għattew kollox bil-hoarding u naqqas ħafna r-riħa.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu flimkien mall-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud jattendu għal laqgħa gol-Wasteserv kull xahar u jipprezentaw l-ilmenti tan-nies. |

| | |
|---|---|
| | **<u>Servizz ta tindif tal-lattrini:</u>**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi l-kuntrattur tal-lattrini qed izommu infurmat tajjeb ħafna kull darba li jkun naddaf il-lattrini u qal illi l-kuntrattur qallu li ġieli jkun għadu kif naddaf u mill-ewwel iħamguha.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Gilford qal illi hu ireċieva ilmenti fuq il-lattrini u mar hu personalment u dejjem sabhom indaf.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet li daħlet tlett darbiet u dejjem sabithom maħmugin. Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi marret qabel bdiet il-laqgħa u reġgħet sabithom maħmuġin.<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi l-Kunsill qatt ma applikajna għall-iskema tar-Reġjun fejn jistgħu jittranġaw u jsiru *attended* kif suppost u tista tgħazel li jsiru bil-flus għaliex bi ftit flus ikunu *attended* u jkun hemm dejjem is-supplies li hemm bzonn.<br><br>Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi allura l-Kunsill għandu jkellem lill Gvern u jinfurmah illi budget bizzejjed ma hemmx biex il-lattrini jkunu attended u li l-Kunsill għandu bzonn l-għajnuna.<br><br>Kien hemm qbil dwar dan.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjura Celine Camilleri qalet illi hemm bzonn li jittranġaw il-hooks fil-lattrini għaliex mkissrin. |
| **3.3.18** | **<u>Tindif tat-taraġ ta’ Guzeppi Spagnol:</u>**<br><br>Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi tnaddaf it-taraġ ta’ Ġuzeppi Spagnol u qalet illi tal-ideja li jħafruħ naqra u issir ħamrija ġdida biz-zrar fuq u jsiru fjuri biex ma jitlax ħaxix ħazin u jidher pulit tat-tip cactus. |
| **3.3.19** | **<u>Rilokazzjoni għall BIS ta’ quddiem il-venda:</u>**<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hemm bzonn li nsibu soluzzjoni għal BIS li hemm fil-bandli ta’ quddiem il-venda għaliex huma eyesore.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Calleja qal illi tajjeb li la hemm il-ħadid nieqes la jiġi l-ħadid ġdid issir pjattaforma u npoġġuhom fil-ġenb. |
| **3.3.20** | **<u>Incidenti fi Triq Apap Bologna:</u>**<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li din qeda two way u tħoss li tajjeb li kieku issir one way.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din ser tiġi one way . |
| **3.3.21** | **<u>Sea bin f’Marsaskala:</u>**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi xi erba snin ilu l-Kunsill daħal għal proġett ‘sea bin’ min NGO jismu *‘Zibel’* fejn dan hu biċċa apparat biex il-ħmieġ li jkun hemm jifloatja jinġabar fih u jitbattal kuljum, din l-NGO jidher li falliet u hu infurmat li għaddejin negozjati mall-Gvern biex dawn l-14-il sea bins jerġgħu jibddew jiffunzjonaw. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kellu diskussjoni magħhom fuqu u qalulu li l-unika soluzzjoni hi li nitkellmu mall-Ministru Miriam Dalli biex ngħamlu pressjoni biex forsi naslu.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk jaqbel il-Kunsill ngħamlu pressjoni biex dawn jerġgħu jibdew jaħdmu. |

| | |
|---|---|
| **3.3.22** | **<u>Slime fil-baħar:</u>**<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet jekk hux qed nirraportaw fuq l-islime ta' ġol-baħar.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu irraporta din il-ġimgħa u suppost ġew inadfu.<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet jekk forsi nistgħux ngħidulhom biex dan l-islime jilħaq jitnaddaf qabel jasal fuq il-kosta.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-affarijiet inbiddlu minn qabel. Qal li l-gaġġeġ issa mgħammra b'tip ta'lakstu madwar jissejjaħħ (boom) biex b'hemm ma joħroġx zejt waqt l-alf. Inbidlet ukoll is-sistema tal-alf. Fejn qabel kien jintefa ikel mingħajr qies issa qed isir bil-galbu.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi sar progress pero għadu mhux kuntent u jekk terġgħa tiġri għandna nitkellmu mill-ewwel.<br><br>Il-Kunsillier Dr Errol Cassar qal illi dejjem fl-aqwa tas-sajf tiġri. |
| **3.3.23** | **<u>Manutenzjoni tal-luzzu:</u>**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dan il-luzzu għandhom bzonn manutenzjoni imma l-Perit għadu ma taħx risposta.<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hemm l-għaqda tad-dgħajjes forsi jistgħu jgħinu.<br><br>Kien hemm qbil li issir laqgħa mall-Għaqda tad-dgħajjes. |
| **3.3.24** | **<u>Youth exchange ġewwa l-Greċja:</u>**<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li qed taħdem fuq proġett komunitarju li hu EU funded Youth exchange project fejn hi flimkien mall-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri iltaqgħu ma diversi zagħzagħ u kien hemm tlettax-il ġuvni u tfajla li irrispondew għal dan il-proġett fejn l-ewwel hemm bzonn li jinħareġ il-pagament u jingħata l-pagament lura wara li jitlesta l-proġett. Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet illi dawn z-zagħzagħ ser imorru l-Greċja fejn il-proġett ser jitratta kultura,komunita u ambjent. Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet illi hi tittama li dawn iz-zagħzagħ isiru atturi fil-komunita tagħna. |
| **3.3.25** | **<u>Puppillu l-maskot tal-indafa f'Marsaskala</u>**<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi ltaqgħet mas-Sur Roderick u tkellmu fuq il-paġna ta' Pupillu fejn dan huwa figura animata biex jeduka lit-tfal fuq l-indafa f'Marsaskala.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi għandna bzonn maskott ta' Pupillu, hi qalet illi l-Kunsill irid jibda jorganizza events fejn jista jkun prezenti Pupillu biex ikun jista jgħaddi l-messaġġ waqt dawn l-events.<br><br>Kien hemm qbil li jsir maskott bil-kuluri u l-arma ta' Marsaskala. |
| **3.3.26** | **<u>Clean and upkeep app:</u>**<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi tezisti applikazzjoni *clean and upkeep* fejn resident jista jirraporta fuqha u tmur għand il-*cleansing department.*<br><br>Kien hemm qbil li nirreklamaw din l-applikazzjoni fuq il-Facebook tal-Kunsill. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsillier is-Sur Gilford qal illi fl-opinjoni tiegħu l-agħar zewg toroq li hemm ħafna ħmieġ huma Triq l-Għassies u Triq in-Nadur.<br><br>Il-Viċi Sindku is-Sinjorina Janice Flazon qalet illi Triq l-Għassies reġa hemm rebuz. Staqsiet jekk nistgħux ngħamlu pots biex nevitaw li jitfawlhom l-iskart.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dik propjeta privata u jekk titfa l-pots jitfawlek l-iskart fuqhom.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Franscis Gilford staqsa jekk tistax issir camera.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal ma tistgħax tgħamel kamera fi propjeta privata apparti mill fatt li impossibli tagħmel kamera f'kull post li hemm abbuz. |
| **3.3.27** | **<u>Kuntratt mall-Cleansing Division:</u>**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera illi l-kuntratt li għandna fil-present tal-istreet sweeping wasal biex jiskadi fit-22 ta Settembru 2024 u fir-rigward ta' dan mhux ser tinħareġ sejħa għal offerti fuq l-istreet sweeping għaliex ser isir ftehim mall-Cleansing Division fejn ser jibdew jgħamlu xgħolijiet tal-istreet sweeping u grass cutting min naħa tagħhom f'zoni mhux urbani. |
| **3.4** | **<u>Tweġibiet għall mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>**<br><br>Ma kien hemm l-ebda mistoqsija. |
| **3.5** | **<u>Rapporti:</u>** |
| **3.5.1** | **<u>KLM 2024/02- Call for quotations for the provision of low emission Transport Services for the Marsaskala Local Council:</u>**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal li dan huwa transport għal klubs f'Marsaskala u wara li l-bord evalwa l-offerti mitfugħa u s-Sur Lionel Grech huwa l-orħos offerent u compliant mar-rekwiziti.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi issa nistgħu nkellmu lil klubs sabiex ikunu jistgħu juzaw dan is-servizz. |
| **3.6** | **<u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>**<br><br>Ma kienx hemm items oħra. |
| **3.7** | **<u>Korrispndenza:</u>** |
| **3.7.1** | **<u>Assistance with lessons (35/2052/24/I):</u>**<br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tkellem mas-Sinjura Thea tal-ghaqda tal-banda u kien ta l-ideja li l-Kunsill jgħati l-materjal lilhom jikrejaw l-magazine tal-Kunsill u jgħamlu l-printing tiegħu u ntuwhom €1000 donazzjoni.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jgħamilx il-magazine għaliex ser iħallas għat tutor kif ukoll is-servizz tal-banda għal Karnival tas-sajf.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fl-opinjoni tiegħu l-magazine għandna nagħmluh xorta. |

| | |
|---|---|
| | Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi nistgħu nghamluh online jew inkella intellaw l-artikli fuq Facebook. |
| **3.7.2** | **<u>Local Council Clearance for Marsaskala Project (35/2090/24/O):</u>**<br><br>Kien hemm follow up tal-Wasteserv li huma ser jipproċedu u bgħatu lil Kunsill jekk isibx oġġezzjoni għal din il-PA li tinvolvi t-tibdil tal-impjant f'park. Il-Kunsill kien iddisktija diġa u ma sab l-ebda oġġezzjoni.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri staqsiet jekk f'din l-area jistax ikun hemm uffiċju għal girls scouts f'Marsaskala.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dik l-area zgur ma jistax isir dan. |
| **3.7.3** | **<u>EV charging pillars identified site (35/2096/24/I):</u>**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil Kunsill illi l-areas kollha li għazel il-Kunsill ġew aċċettati minbarra tlieta u minflok tawna opzjonijiet oħra.<br><br>Kien hemm qbil li dawn l-parkeġġi jsiru fi Triq il Friefet. |
| **3.7.4** | **<u>Marsaskala school grannies (35/1962/24/I):</u>**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l headmistress ma qablitx mall kunċett tal-*ischool grannies* u allura kien hemm bzonn u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u l-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri ser jergħu jiltaqgħu maz-zewg head masters biex jaraw jekk jaqblux mall-kunċett qabel nipproċedu. |
| **3.8.1** | **<u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>** |
| **3.8.1.1** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq il-life policy li ħallas il-Kunsill dan l-aħħar.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dik tkoppri lill familja tal-Kunsillier jekk allaħres qatt jiġi nieqes dawn jiġu kumpensati. |
| **3.8.1.2** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagamenti 6368 sa 6374.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li dawk huma pagamenti tal-Periti tal-Kunsill. |
| **3.8.1.3** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagamenti 6389.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dak hu xogħol li sar fuq ic-cespit ta' San Tumas. |
| | ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.*** |
| **3.9** | **<u>Mozzjonijiet</u>** |
| **3.9.1** | **<u>Mozzjoni b'urġenza mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Jesmond Abela u ssekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (010 – 26/7/24):</u>**<br><br>"Peress li ġejt avviċinat minn ħafna nies fosthom persuni ta' eta avvanzata li meta jzuru il-klinika primarja qed isoffru minn xemx fis-sajf kif ukoll xita fix-xitwa u dan peress li m'hemmx spazzju bizzejjed ġewwa, qiegħed nipproponi li titwaħħal xi tip ta' tinda biex nipprovdu xi ftit ilqugħ. Dan l-aħħar kien hemm ukoll min ħassu ħazin." |

| | |
|---|---|
| | Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi min naħa tal-klinika applikaw mall-Ministeru imma din l-applikazzjoni ma ntlaqatx.<br><br>Kien hemm qbil li issir waħda temporanja. |
| 3.9.2 | **<u>Mozzjoni b'urġenza mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Jesmond Abela u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (011 – 29/7/24):</u>**<br><br>"Jipproponi li jitwaħħal reflector fejn ġiet installata is-Sleeping Policeman fid-daħla ta' San Tumas. Minkejja l-fatt li issa ilha hemm ftit zmien mhux ħażin, xorta waħda għad hemm minn jabbuza minn sewqan eċċessiv u kif jasal qriba jieħu skoss u jagħmel xi ħsara fil-vettura u jista jagħti l-kaz ukoll li xi ħadd iweġġa.''<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ma jsibx problema pero hemm zewġ arbli ilhom maqtugħin zmien u min naħa tal-Enemalta għadhom ma sewwewx. |
| 3.10 | **<u>Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss:</u>**<br><br>L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-9.30pm. Il-laqgħa Pubblika flimkien mal-Laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2024 fil-5.30pm.<br><br>Ikkonfermat illum 13 t'Awwissu 2024.<br><br>_______________ _______________<br>**Josef Grech** **Mario Calleja**<br>**Segretarju Ezekuttiv** **Sindku**<br><br>Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 03 id-Disa Leġislatura |